# L-ISLA U L-FESTA TAL-BAMBINA FIŻ-ŻMIEN META FAQQGĦET IT-TIENI GWERRA DINJIJA.



**Il-Bambina għaddejja mit-toroq ta' l-Isla, qalb il-bini mġarraf, wara li nġiebet lura minn Birkirkara fi tmiem il-gwerra. Kemm kien hemm ferħ u dwejjaq fl-istess ħin! Is-Sengleani ferħana bil-Bambina, iżda mniktin minħabba dak li sofrew.** ▷

**Il-festa tas-sena 1939 kienet qed tiġi ppreparata bis-solennità tas-soltu.** Kien ġie ordnat in-nar mill-fabbrika ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Kienu ġew mistiedna diversi baned. Imma, imbagħad, **malli fit-3 ta' Settembru l-Ingilterra daħlet fi gwerra kontra l-Ġermanja, il-festa ta' l-Isla kienet l-ewwel waħda li ntlaqtet.** Fis-6 ta' Settembru, l-Arċipriet Bonanno għarraf lill-Kapitlu li ma kellhomx il-permess li jdawlu l-knisja bl-elettriku. Ħadd ma seta' jżejjen xi bejt jew gallariji. It-toroq li kienu diġà żżejnu baqgħu mitfija. In-nar ordnat baqa' ma nħaraqx.

**Il-festa ta' ġewwa saret b'solennità anqas, imma b'devozzjoni akbar. Saret il-purċissjoni tal-festa bir-reċita tar-ružarju mqaddes.** Bħas-soltu, ikkumpanjaw il-patrijiet Kapuċċini, ġiebu xi saċerdoti biex jilbsu l-kapep, ħarġu l-ombrellun u tintinnablu u naturalment ħarġet l-istatwa għażiża ta' Marija Bambina.

**Sadanittant, spiċċa l-Arċipriet Bonanno għax sar monsinjur.** Fit-3 ta' Marzu, 1940 waqt laqgħa kapitulari, inqrat ittra tal-Kurja ta' l-Arċisqof biex għarrfet li **Dun Manwel Brincat, kappillan ta' Ħaż-Żabbar, ġie magħżul bħala l-Arċipriet il-ġdid. Hu ħa l-pussess fit-13 ta' April 1940,** minn idejn Mons. Manwel Galea (li ma kellux idum ma jsir Isqof). Kienu qed joqorbu l-ġranet l-iżjed koroh. Fil-10 ta' Ġunju 1940, l-Italja ngħaqdet mal-Ġermanja u daħlet fi gwerra kontra Franza u l-Ingilterra. **L-għada stess, filgħodu kmieni, it-Taljani bbumbardjaw lil Malta.**

**Dak in-nhar, 11 ta' Ġunju, in-nies ta' l-Isla kienu miġburin fil-knisja aktar mis-soltu.** Ħafna riedu jqerru, jisimgħu l-quddies, u jitqarbnu. Instama' t-twerdin ta' l-ajruplani Taljani u twerwru meta wasal f'widnejhom il-ħoss tal-bombi neżlin. Ħafna mill-ħġieġ tal-knisja tfarrak. Kulħadd beda jirtogħod bil-biża', u n-nies ħarġu jiġru mill-knisja ħalli jħaffu lejn darhom u jaraw x'ġara minn nieshom. L-Arċipriet Brincat u l-Kanonku Primiċerju Artur Bonnici taw l-assoluzzjoni lil ħafna flimkien, u ħeġġuhom jintelqu f'idejn Alla.

**L-għada, 12 ta' Ġunju, il-popolazzjoni bdiet tħalli l-Isla.** In-nies ġarrew magħhom dak li ma setgħux igħaddu mingħajru. Għabbew kollox fuq xi trakk, karrozza, karrettun bil-ħmar, u anki fuq xi pramm tat-trabi. **Minn madwar 8,000 ruħ il-popolazzjoni niżlet għal 350 biss. Imma l-Arċipriet Brincat baqa' l-Isla. Kien għad hemm ukoll Dun Anton Galea** (l-aħħar prepostu tal-Filippini) **u Dun Ġwann-Karlu**

*ikompli f'paġna 15*

**Burlò** (li kien kappillan militari f'Rikasli).

Fi żmien l-ewwel bumbardamenti kienu għadhom bilkemm bdew iħaffru x-xeltrijiet. Fl-Isla, tħaffru l-ewwel tnejn ġo blat samm: wieħed fil-Ponta u l-ieħor ix-xatt. Kien żmien, meta fl-Isla ma kenux qed isibu minfejn jixtru. Il-ħwienet kienu għalqu: jew għaliex sidhom kien telaq jew għaliex ma kellhom xejn x'ibigħu. Kien fadal żewġ ħwienet biss. **Il-kaxxi tal-flus li kien hemm fil-knisja parrokkjali nfetħu mill-Arċipriet biex tingħata għajnuna lill-poplu li kien waqa' fil-faqar.** Imma ma kienx fihom wisq, u ġbir ieħor ma setax isir.

In-nies baqgħu jmorru jisimgħu l-quddies. Ħafna, iżjed minn qabel, kienu jilbsu fuqhom xi domna jew xi labtu. Ommijiet ħeġġew lil uliedhom, suldati jew baħrin, biex ma jonqsux milli jżommu fuqhom dawk l-oġġetti mbierka. **Bil-ħidma ta' l-Arċipriet u xi lajċi, beda jiġi ppreparat xi ikel għal min kien fil-bżonn.** L-Arċipriet kien jakkwista kulma kien meħtieġ, u xi lajċi kienu jsajru. L-ewwel kok kien **Ġużeppi Iles.**

Fid-19 ta' Awissu 1940, tlaqqa' l-Kapitlu ta' l-Isla fil-Kulleġġ San Alwiġi f'Birkirkara. Tkellmu fuq l-ewwel festa tal-Bambina li kien imissha ssir. F'ċirkustanzi tant koroh, is-solennità esterna ta' ferħ ma setgħetx issir. Minn Awissu 1940, x'uħud min-nies ta' l-Isla tqarrqu billi ħasbu li l-qagħda kienet għaddiet għall-aħjar għax ix-xeltrijiet kien tlestew. **Kien hemm dawk li reġgħu lura. X'uħud kienu ħaddiema tat-Tarzna.**

Il-Bambina tal-1940 ma mlietx qalb is-Sengleani bil-ferħ kif kien jiġri fis-snin ta' qabel. Ulied l-Isla kienu mxerrdin u l-biża minn bumbardamenti kien bla waqfien. Għalkemm issejjaħ is-surmast Karlu Diacono, ma ndaqqew l-ebda strumenti mużikali. Disa' kanonċi differenti qaddsu l-quddiesa tan-novena u għamlu priedka ċkejkna. Fil-5 ta' Settembru, qaddes il-Kan. Teologu, il-professur **Dun Ġwann Thewma,** li ma kellux idum ma jmut mirdum.

L-istatwa prezzjuża tal-Bambina ma tqegħditx fil-knisja. Is-Sur Grenville silifhom statwa tiegħu li kienet tixbahha. **Lejlet il-Bambina, l-Isla ġarrbet l-agħar attakk li kellha sa dak in-nhar. Iġġarrfet l-iskola, waqgħu xi djar, u theżżu oħrajn. Il-purċissjoni ta' nhar il-festa ma saritx. Minkejja dan, il-festa ġewwa l-knisja saret xorta waħda.** Imma t-toroq ma żżejnux, il-logħob tan-nar ma sarx, baned ma daqqewx u, filgħaxija, kullimkien kien fid-dlam.

F'dik il-festa tal-1940, min kien jimxi tul it-toroq ta' l-Isla kien iħoss qalbu mnikkta meta kien jara tant twieqi bi ħġieġ imkisser, djar imwaqqgħin, u tant oħrajn imsakkrin u abbandunati. Id-dlam ta' nhar il-festa ġieb sens ta' dwejjaq f'kulħadd. Min kellu igħidilhom lil ulied l-Isla li l-kbir kien għadu ġej!

**Alexander Bonnici O.F.M. Conv.**


# KALENDARJU TA' TIFKIRA




**Fl-okkazzjoni tal-50 sena mit-tiġrif u l-qerda tal-gwerra, il-Parroċċa ta' l-Isla qed tippublika dan il-kalendarju bil-kulur. Kull paġna fiha ritratt ta' xi post fl-Isla li ġġarraf fil-gwerra u l-istess post kif inhu illum.**

***Jinxtara mill-knejjes u mis-Sede fl-Isla bil-prezz ta' 50 ċenteżmu biss.***